Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 124/2015AE

**Carmelo Schembri; Mary Grace Borg; Emmanuel Schembri lkoll hala eredi ta' Giuseppe sive Joseph Schembri**

**Vs**

**Maria Grazia Cauchi; Ludwig Cauchi; Fiona Gatt; Charmaine Cauchi lkoll bhala eredi ta' Louis Cauchi**

L-Erbgha, 16 ta' Dicembru 2015.

Permezz ta' rikors prezentat fis-17 ta' April 2015 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), ir-rikorrenti talbu li l-qorti tawtorizza l-ezekuzzjoni ta' kuntratt pubbliku tas-17 ta' April 1991 li bih Louis Cauchi kien ikkostitwixxa ruhu veru, cert u likwidu debitur favur Joseph Schembri fl-ammont ta' €3,494.

L-intimati wiegbu:

1. Peress li huma werrieta ta' Louis Cauchi, kellha ssir talba ai termini tal-Artikolu 259 tal-Kap. 12.
2. Ir-rikorrenti ma gabux prova li huma l-werrieta ta' Joseph Schembri, li miet guvni.
3. Ir-rikors hu null ghaliex mhux konfermat bil-gurament. Kien biss tlett ijiem wara l-prezentata tar-rikors li Carmelo Schembri kkonfermah bil-gurament.
4. L-ittra ufficjali li pprezentaw ir-rikorrenti hi nulla u bla effetti, in kwantu t-tmexxija ghall-ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv wara l-mewt tad-debitur, trid issir wara permess specjali.
5. L-intimati cahdu l-ezistenza tal-allegat kreditu. Ir-rikorrenti ma gabu l-ebda prova li t-titolu ezekuttiv ghadu jiswa.

Fid-19 ta' Awissu 2015 l-ewwel qorti ddecidiet:-

*Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti: (i) fl-ewwel lok u a tenur ta' l-Artikolu 175(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, tornda li wara kull referenza ghall-Artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta fir-Rikors promotur jiziedu l-kliem "u l- Artikolu 259 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta"; u (ii) a tenur ta' l-Artikolu 259(4) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, tawtorizza lir-Rikorrenti jesegwixxu t- titolu ezekuttiv taghhom, ossia l-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Attard datat 17 ta' April 1991, minnhom debitament rez esegwibbli a tenur ta' l-Artikolu 256(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet, fil-konfront ta' l-Intimati.*

*L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mill-Intimati.*

L-intimati appellaw mis-sentenza. L-aggravji huma:

1. Bil-korrezzjoni awtorizzata mill-qorti fil-provvediment finali, biddlet is-sostanza tal-azzjoni. L-Artikolu 175 tal-Kap ma japplikax.
2. Ir-rikors promotur ma giex konfermat mit-tlett rikorrenti.
3. L-ittra ufficjali saret inutilment ghaliex l-ewwel kellha ssir il-procedura kontemplata fl-Artikolu 259 tal-Kap. 12.
4. F'dawn il-proceduri kellu jsir l-accertament tad-debitu. L-Artikolu 1161 tal-Kodici Civili japplika, kuntrarjament ghal dak li qalet l-ewwel qorti.
5. Fil-kaz ta' dejn civili l-imghax jiddekorri wara li ssir sejha b'ittra ufficjali (Artikolu 1141 tal-Kodici Civili). L-ittra ufficjali fl-2014 hi nulla ghaliex saret minghajr l-awtorizazzjoni tal-qorti u ghalhekk hi nulla. Inoltre, l-imghax ma jistax jaqbez il-kapital hlief fil-kaz ta' sentenza jew ta' kapitalizazzjoni. Jidher li r-rikorrenti jippretendu li l-imghax ghandu jaqbez il-kapital.

Fl-24 ta' Settembru 2015 ir-rikorrenti pprezentaw twegiba fejn irribattew ghall-aggravji tal-intimati.

Il-qorti rat l-atti.

B'kuntratt pubbliku tas-17 ta' April 1991 pubblikat min-nutar Dr Anthony Attard u li sar bejn Joseph Schembri u Louis Cauchi, gie ddikjarat:

*"…. 'il fuq imsemmi Louis Cauchi – hawn imsejjah id-debitur qieghed jikkostitwixxi ruhu debitur veru cert u likwidu fis-somma ta' elf u hames mitt lira Maltija oltre l-imghax legali bit-tmienja fil-mija fis-sena dekoribbli mil-lum a favur 'il fuq imsemmi Joseph Schembri – hawn imsejjah il-kreditur pagabbli fuq domanda semplici tal-kreditur minghajr ebda bzonn ta' notifika ulterjuri u liema somma tirraprezenta rifuzjoni ta' flus moghtija in depozitu lid-debitur mill-kreditur akkont tal-prezz tax-xiri tal-blokk ta' flats f'Marsascala, Triq l-Iskal, mill-istess kreditur"*.

**<u>L-Ewwel Aggravju</u>**.

1. Fir-rikors promotur ir-rikorrenti talbu lill-qorti sabiex: *"…. ai termini tal-Artikolu 258 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta), tawtorizza lill-esponenti jezegwixxu dan it-titolu ezekuttiv, u dan taht dawk l-ordnijiet u provvedimenti li joghgobha tipprefiggi"*.

2. Hu minnu li fir-rikors promotur m'hemm l-ebda riferenza ghall-Artikolu 259 tal-Kap. 12. Dan il-provvediment jistipula li r-rikors li jissemma fl-Artikolu 258 tal-Kap. 12 *"(1)…. hu dejjem mehtieg, meta l-esekuzzjoni*

*tintalab kontra l-werrieta tad-debitur, ukoll jekk ma jkunx ghadda z-zmien imsemmi fl-imsemmi artikolu".*

3. Fil-provvediment finali l-qorti ordnat korrezzjoni fis-sens li fir-rikors promotur wara l-kliem *'Artikolu 258 tal-Kap. 12'*, jizdiedu l-kliem *'u l-Artikolu 259 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta'*[1].

4. Ghal finijiet ta' ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv, dak li kien essenzjali hu li r-rikorrenti kellhom fl-ewwel lok jipprezentaw rikors sabiex jitolbu l-awtorizazzjoni biex it-titolu ezekuttiv jigi ezegwit, u dan ghaliex kien ghadda t-terminu kontemplat fl-Artikolu 258(c) tal-Kap. 12.

5. Hu dak li talbu r-rikorrenti fir-rikors promotur. L-appellanti qieshom jaghtu x'jifhmu li kien hemm zewg proceduri x'isiru, meta m'hemmx.

6. Il-korrezzjoni li ordnat il-qorti ma bidlitx is-sostanza tal-azzjoni, li baqghet dejjem l-istess cjoe' procedura sabiex ir-rikorrenti, bhala werrieta tal-kreditur, jezegwixxi t-titolu ezekuttiv (il-kuntratt pubbliku tas-17 ta' April 1991 pubblikat min-nutar Dr Anthony Attard) fil-konfront tal-werrieta tad-debitur. F'procedura ta' din ix-xorta, ir-rikorrent dejjem irid jipprova li:

   i. Hu l-kreditur li jgawdi minn titolu ezekuttiv;
   ii. It-titolu ezekuttiv ghadu jiswa;
   iii. L-intimat hu d-debitur.

   F'dan il-kaz peress li l-kreditur u debitur li jissemmew fit-titolu ezekuttiv huma mejta, allura skond l-Artikolu 259(4) tal-Kap. 12 ir-rikorrenti kellhom iressqu prova li:-

   (a) huma l-unici werrieta tal-kreditur;
   (b) il-persuni li kontrihom sar ir-rikors, huma l-eredi tad-debitur. Li kieku d-debitur kien ghadu haj kien ikollhom jissodisfaw lill-qorti li l-intimat hu fil-fatt id-debitur;

   Dan apparti l-prova li t-titolu ezekuttiv ghadu jiswa.

7. Il-qorti tasal biex tghid li lanqas ma kien hemm bzonn li ssir korrezzjoni fir-rikors promotur. Madankollu u f'kull kaz il-korrezzjoni ma holqot l-ebda pregudizzju lill-appellanti.

[1] Fis-seduta tad-29 ta' Lulju 2015 gie verbalizzat: *"Dr Maxilene Pace titlob sabiex ai termini tal-Art 175 tal-Kap. 12 kull fejn hemm riferenza ghall-Artikolu 258, jizdied warajh "u Artikolu 259"* (fol. 43). Id-difensur tal-intimati wiegeb: *"Dr Bonello jopponi ghat-talba ghall-korrezzjoni peress li din qed issir fi stadju finali tal-proceduri cioe' wara t-trattazzjoni u hija korrezzjoni li minnha nnifisha tbiddel is-sustanza tal-azzjoni u tal-eccezzjonijiet"* (fol. 44).

**Tieni Aggravju**.

8. Hu minnu li fil-gurnata li gie pprezentat ir-rikors (17 ta' April 2015), ma giex konfermat bil-gurament. Mill-atti jirrizulta pero li fl-20 ta' April 2015 ir-rikorrent ikkonfermah Carmelo Schembri kkonfermah bil-gurament.

9. Pero' l-ligi ma tghidx li l-procedura kontempata fl-Artikolu 258 ghandha ssir permezz ta' rikors guramentat, izda li *"Ir-rikorrent ghandu wkoll jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni taghha, u li d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut"*. Haga li tista' ssir ukoll facilment waqt is-smiegh tal-provi tar-rikorrent.

10. Ir-rikorrenti kienu tlieta, Carmelo Schembri, Mary Grace Borg u Emmanuel Schembri. Fil-kaz in ezami r-rikorrenti l-ohra xehedu fis-seduta tad-29 ta' Lulju 2015. Ghalhekk l-ilment tar-rikorrenti li r-rikors m'huwiex guramentat minn kull wiehed mir-rikorrenti, ma tqumx fil-kaz in ezami.

11. Permezz ta' ittra ufficjali prezentata fit-30 ta' Lulju 2014 ir-rikorrenti sejhu lill-intimati sabiex ihallsu s-somma ta' €3,494 u ddikjaraw li l-ittra ufficjali intbaghatet *".... sabiex tirrendi l-kuntratt pubbliku hawn fuq imsemmi ezegwibbli ai termini tal-artikolu 256(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta"* (fol. 19).

12. L-esekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv li jikkonsisti f'kuntratt pubbliku dwar dejn cert, likwidu u dovut ma tistax issir: *".... Hlief wara jumejn ghall-anqas min-notifika ta' sejha ghall-hlas maghmula b'att gudizzjarju"* (Artikolu 256(2) tal-Kap. 12).

13. Ghal finijiet tar-rikors hu rrilevanti jekk l-ittra ufficjali tat-30 ta' Lulju 2014 hijiex nulla jew le. F'kull kaz ma kien hemm xejn milli jzomm lill-appellati milli jaghmlu s-sejha ghall-hlas kontemplata fl-Artikolu 256(2) qabel ir-rikors li pprezentaw ghal finijiet tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12. Qabel issir l-esekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv bhal dak oggett tal-proceduri, trid issir sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju. Fil-kaz in ezami wara li saret is-sejha, ir-rikorrenti ma setghux jipprocedu ghall-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv qabel jiksbu l-awtorizazzjoni tal-qorti. 'Il fatt li s-sejha ghall-hlas saret qabel ir-rikors kontemplat fl-Artikolu 258 mhi ta' ebda konsegwenza[2].

---

[2] Il-qorti ma taqbilx mar-ragunament tal-ewwel qorti li: *"Huwa biss wara li ssir tali nterpellazzjoni u b'hekk it-titolu ezekuttiv in kwistjoni jigi rez ezegwibbli li, fic-cirkostanzi kongruwi, ghandha tintalab l-awtorizazzjoni tal-Qorti sabiex dak it-titolu effettivament jigi esegwit"*. Fil-kaz in ezami t-titolu ezekuttiv ma giex rez ezewgibbli bis-sejha ta' hlas li saret permezz tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Lulju 2014 ghaliex kien hemm bzonn li l-awtorizazzjoni tal-qorti ghall-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv. Li kieku bl-ittra ufficjali tat-30 ta' Lulju 2014 it-titolu ezekuttiv (kuntratt tas-17 ta' April 1991) gie rez ezegwibbli, allura wara l-ittra ufficjali r-

**Tielet Aggravju**.

14. Fil-kaz in ezami rrizulta li:-

i. Ir-rikorrenti huma l-werrieta tal-kreditur (Joseph Schembri).
ii. L-intimati huma l-werrieta tad-debitur (Louis Cauchi).
iii. Joseph Schembri kellu titolu ezekuttiv kontra Louis Cauchi (kuntratt pubbliku tas-17 ta' April 1991).
iv. Mill-provi li nstemghu l-ewwel qorti kienet sodisfatta li t-titolu ezekuttiv kien ghadu jezisti.

15. Ir-riferenza ghall-Artikolu 1161(b) tal-Kodici Civili m'hijiex rilevanti, in kwantu l-qorti taqbel mal-ewwel qorti li: *"….. l-Qorti ma tistax tapplika s-subartikolu (b) tal-imsemmi Artikolu tal-Ligi b'mod izolat kif pretiz mill-Intimati izda tista' tapplikah biss flimkien ma' dak provdut fis-subartikolu (1) ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi…."* (fol. 80). Ghalkemm l-appellanti argumentaw li l-paragrafi (a) u (b) qeghdin jikkontemplaw cirkostanzi differenti, m'ghamlu l-ebda argument li jista' jikkonvinci lil din il-qorti li l-ewwel qorti kienet zbaljata fl-interpretazzjoni. F'dan ir-rigward il-kelma *"u"* kif ukoll ir-riferenza ghal kontijiet generali f'paragrafu (b) li jissemmew ukoll f'paragrafu (a), ma jikkonfortawx ir-ragunament tal-appellanti.

16. L-aqwa prova li d-dejn kien ghadu ma thallasx hu l-fatt li d-dejn kien gie garantit b'ipoteka generali u specjali fuq il-beni ta' Louis Cauchi, li ma gewx kancellati.

17. Kienu l-istess appellanti li fit-twegiba li pprezentaw quddiem l-ewwel qorti qalu li d-dejn kien thallas[3]:

*"Illi kif l-esponenti nfurmaw lir-rikorrenti fl-ittra taghhom tal-4 ta' Awissu 2014, d-debitu msemmi fil-kuntratt tas-17 ta' April tal-1991* ***gie saldat.*** *Tant hu hekk illi bejn is-sena 1991 meta sar il-kuntratt sal-mewt ta' Lewis Cauchi fl-2013 ma saru l-ebda intimazzjonijiet jew proceduri ghat-tmexxija ghall-ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv"* (fol. 26).

Prova li qatt ma saret.

18. Fir-rikors tal-appell, l-appellanti ghamlu wkoll riferenza ghal fatt li r-rikorrent Carmelo Schembri, hu Joseph Schembri, ma xehedx quddiem il-qorti. Il-qorti ma tarax li dan il-fatt kellu jkollu x'impatt negattiv fuq it-talba tar-rikorrenti. Wara kollox Carmelo Schembri kkonferma r-rikors

---

rikorrenti setghu jipprocedu bil-hrug ta' mandati ezekuttivi. Pero' l-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv saret possibbli biss wara s-sejha ghall-hlas u s-sentenza tal-lum li biha ser jigi michud l-appell tal-intimati. Madankollu din l-osservazzjoni m'ghandha l-ebda konsegwenza fuq l-ezitu tal-appell.

[3] Fit-twegiba li taw ghall-ittra ufficjali, iddikjaraw li *"Sa fejn jafu l-klijenti tieghi, id-debitu imsemmi ilu saldat"* (ittra legali datata 4 ta' Awissu 2014, fol 28).

bil-gurament, u kieku riedu l-intimati kellhom kull opportunita' li jaghmlulu domandi.

19. Ir-rikorrenti qalu wkoll li obbligazzjoni tista' tintemm ukoll billi tinhafer. Pero' din hi biss kongettura. Il-fatt li l-kreditur u d-debitur mietu ma jfissirx li l-qorti ghandha tipprezumi li kien hemm estinzjoni tal-obbligazzjoni. Jekk taghmel hekk tkun qeghda semplicement tispekula x'seta' gara. Il-kwistjonijiet ma jigux determinati b'dan il-mod.

**<u>Raba' Aggravju</u>**.

20. Fis-sentenza, l-ewwel qorti ma ppronunzjatx ruhha dwar l-imghax. Ghalhekk dan l-aggravju sar bla bzonn. Fil-kuntratt oggett ta' dawn il-proceduri gie ddikajrat li l-imghax bir-rata ta' 8% jiddekorri mis-17 ta' April 1991. Ir-riferenza ghall-Artikolu 1141 tal-Kodici Civili hi rrilevanti ghaliex ma japplikax ghal kaz tal-lum. Gialadarba l-kontraenti ftehemu li l-imghax jiddekorri mis-17 ta' April 1991, ma kienx hemm bzonn ta' sejha b'gudizzjarju kontemplata fl-Artikolu 1141 tal-Kodici Civili. L-imghax beda jiddekorri minnufih.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti**.

Anthony Ellul.